

Brussell, 30 ta' Lulju 2015
(OR. en)

11271/15

CORDROGUE 60
SAN 251

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 2)/Kunsill
Nru. dok. preċ.:	10371/15 REV 1 10118/15
Suġġett:	Abbozz ta' Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar id-Drogi 2013-2016 dwar standards ta' kwalità minimi fit-tnaqqis fid-domanda għad-drogi fl-Unjoni Ewropea

1. Fil-qasam tat-tnaqqis fid-domanda għad-drogi, waħda mill-prijoritajiet tal-Istrateġija tal-UE dwar id-Drogi 2013-2020¹ hija li jiġu żviluppatti u implimentati standards ta' kwalità f'oqsma differenti tat-tnaqqis fid-domanda għad-drogi. B'mod aktar speċifiku, l-azzjoni nru 9 tal-objettiv nru 3 tal-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar id-Drogi 2013-2016, id-dokument 9963/13, tinkariga lill-Kunsill, il-Grupp ta' Ħidma Orizzontali dwar id-Drogi (GOD), l-Istati Membri, il-Kummissjoni Ewropea u ċ-Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga (EMCDDA) biex jilħqu *'qbil dwar u bidu tal-implimentazzjoni ta' standards ta' kwalità minimi tal-UE li jgħinu biex jingħalaq id-distakk bejn ix-xjenza u l-prattika, għal:*
 - (a) Miżuri ta' prevenzjoni ambjentali, universali, selettivi u indikati;
 - (b) Miżuri ta' kxif u ta' intervent bikrija;
 - (c) Miżuri ta' tnaqqis tar-riskji u d-danni; u
 - (d) Miżuri ta' trattament, riabilitazzjoni, integrazzjoni soċjali u rkupru.'

¹ Qasam ta' politika 2, paragrafu 19.1, 2012/C402/01.

2. Matul il-Previdenza Taljana tal-Kunsill, ġie stabbilit grupp ta' konsultazzjoni magħmul minn esperti li taw kontribut għall-iżvilupp ta' standards eżistenti fit-tnaqqis fid-domanda għad-droga u partijiet ikkonċernati li jaħdmu f'dan il-qasam biex ifassal lista ta' standards ta' kwalità minimi possibbli fil-prevenzjoni, it-tnaqqis tar-riskju u tal-ħsara, it-trattament, l-integrazzjoni soċjali u r-riabilitazzjoni. Il-grupp ta' esperti kkunsidra l-istudji li tlestew u dawk li għadhom għaddejnin, il-konferenzi u l-avvenimenti organizzati dwar dan is-suġġett, b'mod partikolari, il-proġett EQUUS (2011), iffinanzjat mill-Kummissjoni Ewropea, il-ħidma żviluppata mill-EMCDDA (2012)² u mill-UNODC (2013)³, kif ukoll l-attivitajiet li saru mill-Previdenza Ellenika, b'mod partikolari r-riżultati tal-laqqha tal-Koordinaturi Nazzjonali dwar id-Drogi li saret f'Ateni f'Ġunju 2014.
3. Il-lista ta' standards ta' kwalità minimi fit-tnaqqis fid-domanda għad-drogi, imfassla mill-grupp ta' esperti msemmi hawn fuq, ġiet ppreżentata u eżaminata fil-laqqha tal-GOD fl-10 ta' Diċembru 2014, it-13 u l-14 ta' Jannar 2015, it-3 u l-4 ta' Frar 2015 u l-25 u s-26 ta' Frar 2015. Dan id-dokument (id-dokument 10118/15 CORDROGUE 52) kellu jservi bħala dokument tekniku fit-tnejn tal-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-suġġett.
4. Matul il-Previdenza Latvjana, l-abbozz ta' Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar id-Drogi 2013-2016 rigward standards ta' kwalità minimi fit-tnaqqis fid-domanda għad-drogi fl-Unjoni Ewropea, li jiddeskrivi l-istandards ta' kwalità minimi fil-prevenzjoni, it-tnaqqis tar-riskju u tal-ħsara, it-trattament, l-integrazzjoni soċjali u r-riabilitazzjoni, ġie ppreżentat u eżaminat matul il-laqqha tal-GOD tat-28 u d-29 ta' April, it-22 ta' Mejju u s-16 ta' Ġunju. Fid-9 u l-10 ta' Lulju 2015, taħt il-Previdenza Lussemburġiża, il-Grupp ta' Ħidma ffinalizza t-test.
5. Konsegwentement, il-COREPER huwa mistieden jikkonferma l-qbil dwar it-test tal-abbozz ta' konklużjonijiet, kif jinsab fid-dokument 10371/1/15 REV 1 u jippreżentah lill-Kunsill għall-approvazzjoni.

² L-Istandards ta' kwalità Ewropej għall-prevenzjoni tad-drogi disponibbli fuq <http://prevention-standards.eu/wp-content/uploads/2013/06/EMCDDA-EDPQS-Manual.pdf>

³ L-Istandards Internazzjonali dwar il-Prevenzjoni tal-Użu tad-Droga disponibbli fuq http://www.unodc.org/documents/prevention/prevention_standards.pdf